# UFFIĊĊJU STAMPA
## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana
Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971

01 ta' Diċembru 2007

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 149/2007

## ITTRA TA' L-ARĊISQOF LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

### Stedina għal għażla

Għeżież żgħażagħ,

Din is-sena kienet għalija ta` bidla kbira meta ġejt maħtur Arċisqof ta` Malta. Dan qiegħed responsabbiltà kbira fija. Fost ir-responsabbilitajiet li għandi hi li nipprova nkun qrib tal-persuni kollha, ikunu ta` liema età, jew kundizzjoni huma.

F'din is-sena jiena ltqajt ma` ħafna żgħażagħ. Iltqajt ma` żgħażagħ li għadhom qed jistudjaw, fl-iskejjel, fl-Università u fl-MCAST. Iltqajt ma` żgħazagħ fl-ambjent tagħhom: f'Paceville, fil-każini, ta` l-isports jew tal-Baned. Itqajt ma` żgħażagħ fil- postijiet differenti tax-xogħol. Iltqajt ma` żgħażagħ li qed ibatu minħabba għażliet żbaljati li ħadu: qegħdin il-ħabs jew fil-postijiet ta` rijabilitazzjoni mid-droga jew alkoħol. Iltqajt ma` żgħażagħ li qegħdin ibatu minn mard, fiżiku jew mentali, jew diżabilità.

Iltqajt ukoll ma` xi wħud minn dawn iż-żgħażagħ li qegħdin ifittxi lil Alla. Kont magħhom f'ċelebrazzjonijiet Liturġiċi, jew fl-Eżerċizzi tar-Randan u kelli ċ-ċans li nkellimhom. Iltqajt ma` Gruppi jew Movimenti ta` żgħażagħ li qed jagħmlu mixja lejn Kristu flimkien. Iltqajt ukoll ma` żgħażagħ li għamlu esperjenza ta` għajnuna lill-oħrajn, kemm f'Malta kemm f'barra minn Malta.

Meta nħares lejn dan kollu, kemm-il darba ħsibt: 'X'impatt kbir qed ikollu, jew se jkollu, dan in-numru ta` żgħażagħ fuq is-soċjetà tagħna f'Malta: fis-soċjetà, fil-politika, fid-dinja tax-xogħol jew fl-isports, fil-professjonijiet, fit-tagħlim. Kemm hemm potenzjalità ta` tajjeb li jista` jsir, iżda kemm hemm ukoll possibbilità ta` impatt ħażin. U dan jiddependi mill-għażla tiegħek u ta` kull wieħed u waħda!

Jiena xtaqt nikteb din l-ittra biex inħeġġek tieħu deċiżjoni fuq liema impatt se tħalli warajk fis-soċjetà. Jekk ma tagħmilx għażla li tkun verament tiegħek, tispiċċa biex titmexxa minn barra, minn influwenzi li mhux dejjem iħallu effett tajjeb fuqek u fis-soċjetà, anki forsi għaliex hemm xi nies li jistagħnu miż-żgħożija tiegħek, b'ġibdiet ta` alkoħol, ta` logħob, ta` drogi, u ta` sess li fih tuża l-persuna l-oħra iktar milli tħobbha verament.

Darba kien hemm ġuvni u qalli li kien ma` grupp ta` studenti universitarji bħalu, kollha kellhom flus u divertiment kemm iridu, u bdew jgħidu: 'Dan kollu fil-ħajja?'. Meta tgħix barra minnek ikollok pjaċir għal ftit, iżda dak li huwa fil-fond ġewwa qalbek, il-qawwa għat-tajjeb, jibqa` vojt.

Jiena l-istedina li nixtieq nagħmillek hija din:

Jekk inti qed tħoss dan il-vojt, tħallihx għaddej: għamel għażla li se tagħti minnek innifsek biex tgħin lill-oħrajn minn dak li int jew li għandek. Jekk il-vojt huwa ta` tifsira għall-ħajja tiegħek, ibda fittex li tkun taf lil Ġesù u l-Vanġeli: hemm ħafna żgħażagħ li sabu skop f'ħajjithom f'Ġesu`.

L-aħħar appell tiegħi: jekk inti sibtu lil Ġesù u qiegħed jimlielek qalbek bil-ferħ, għaliex qiegħed tkun xħiħ maż-żgħażagħ l-oħrajn sħabek, u ma taqsamx l-esperjenza tiegħek ma` xi ħadd li tarah li qiegħed ifittex? Forsi daqxejn kuraġġ tiegħek qed ifittex biex twasslu għat-tajjeb.

Il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, li se jilħaq il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet fl-Awstralja f'Lulju tas-sena 2008, se jitmexxa minn dan il-vers ta` Ġesù: "Intom ikollkom qawwa, meta jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom, u tkunu xhieda tiegħi" (Atti 1,8). San Pawl għexha hekk: "Jiena ma` nistħix mill-Evanġelu" (Rum 1,16).

U intom, għeżież żgħażagħ, lanqas m'għandkom tistħu mill-aħbar it-tajba li huwa Ġesù! Tibżgħux, għax intom ġejtu mogħtija l-qawwa kollha li teħtieġu: iż-żgħożija tagħkom infisha hija l-qawwa tagħkom.

Intom għandkom il-qawwa ta` l-entużjasmu lejn il-ħajja, xerrduha l-enerġija tagħkom. Għandkom il-qawwa li tfittxu risposti sodisfaċenti; tikkuntentawx biss b'dak li jiġi ppreżentat lilkom. Għandkom il-qawwa li tapprezzaw kull esperjenza; għixuha b'serenità. Intom għandkom il-qawwa li tħallu l-imħabba tmexxikom; skopru d-differenza li tagħmel l-imħabba sempliċi u libera. Għandkom il-qawwa li tfittxu l-ferħ f'kulma tagħmlu: ħeġġu lilna wkoll ħalli ngħixu fil-ferħ magħkom.

Din hija l-qawwa tagħkom, għeżież żgħażagħ – il-qawwa ti tinbidlu intom u li tbiddlu lil ta` madwarkom.

Jalla, jekk inti skoprejt lil Ġesù, tgħin lil xi ħadd ieħor isir jafu wkoll.

Bil-qalb, inwassallek ma` din l-Ittra l-Barka ta` Alla l-Missier.

✠ **PAWL CREMONA O.P.**
**Arċisqof ta' Malta**

**NOTA**

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. ippreżenta din l-ewwel Ittra tiegħu liż-żgħażagħ fl-okkażjoni ta' laqgħa ta' talb li huwa kellu maż-żgħażagħ fil-Knisja l-Antika ta' San Girgor, iż-Żejtun nhar l-1 ta' Diċembru 2007. F'din l-okkażjoni, Mons. Arċisqof nieda wkoll is-sena liturġika ġdida li matulha ż-żgħażagħ se jirriflettu fuq it-tema proposta lilhom mill-Papa Benedittu XVI għas-sena 2008: "Meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi" (Atti 1, 8).